# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 8 t' Ottubru, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur John Spiteri)**

**vs**

**Valentina Schembri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Valentina Schembri detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 335298M, akkuzata talli:

F' dawn il-Gzejjer f' xi zmien bejn ix-xahar ta' Frar, 2016 u April, 2016 b' diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

Ippartecipat f’ attivitajiet sesswali ma’ persuna taht l-eta’ u cioe’ omississ ID 198199M

U aktar talli nhar is-17 t’ April, 2016 u/jew fix-xhur ta’ qabel f’ dawn il-Gzejjer:

Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Oridinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga imsemmija u meta ma kinitx b’ xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta

U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi:

Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kisret il-provvediment ta' l-artiklu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b' sentenza moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) datata 5 ta' Mejju, 2016.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond Art 412D ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-8 t' Ottubru, 2019 ghat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Rat li fl-udjenza tat-23 ta’ Settembru, 2019 il-Prosekuzzjoni rtirat l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll l-eta’ tal-imputata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regoli ta’ l-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lill-imputata hatja tat-

tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u b' applikazzjoni tal-Art 22 tal-Kap 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor sa zmien sena millum u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) imputazzjoni li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga esebita formalment mill-Prosekuzzjoni u mmarkata bhala dok JS 1.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**